MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 6/2014

Franco **BUTTIĠIEĠ** f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' l-assenti Anna Maria *sive* Maronna armla mill-Perit Victor Calleja; Alessandra mart divorzjata minn Roderick Kirkpatrick; Maria mart l-Avukat Michael Borġ Costanzi; Roberta mart legalment separata minn Meinrad Calleja; u Rachelle Buttiġieġ

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**; il-Kummissarju tal-Artijiet; Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet; u r-Rettur ta' l-Universita' ta' Malta Professur Juanito Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tal-Universita' ta' Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta’ Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (1) tiddikjara u ssib li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikoli 37 u 32(2) (*sic*) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u tal-artikoli 6(1) u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”), dwar it-teħid bis-saħħa ta’ Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali skond notifika numru 357/60 u għall-użu tal-Universita’, tal-art magħrufa bħala “*Tal-Għargħar*”, fil-limiti tal-Imsida, tal-kejl ta’ madwar sitt itmien, siegħ u sitt kejliet u nofs (6T 1S 6.5K) li kienet inkisbet mill-antenati tagħhom bis-saħħa ta’ testment tat-18 ta’ Marzu, 1861, fl-atti tan-Nutar Francesco Saverino Camilleri u miruta mill-Avukat Dottor Filippo Nicolo’ Buttiġieġ u mill-Ispiżjar Salvatore Buttiġieġ, u dan għaliex minkejja tali teħid mhux qiegħed isir użu mill-imsemmija art għall-iskop pubbliku li għalih kienet ġiet esproprjata, u b’hekk issib li l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, safejn bnadi mill-imsemmija art għadha f’idejhom u mqabbla lill-gabillotti werrieta ta’ Paul Debono; (2) tordna lill-intimati, jew lil min minnhom, jitilqu l-imsemmija art u jrodduhielhom lura flimkien mal-ħlas ta’ kumpens xieraq għaż-żmien kollu li huma kienu mċaħħdin milli jinqdew biha bħala sidien tagħha; (3) issib li huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom bid-dewmien fid-determinazzjoni tal-proċeduri li l-intimati jew min minnhom kellhom jieħdu biex jitħallas il-kumpens għat-teħid tal-art imsemmija b’esproprju għat-twessigħ ta’ Triq Dun Karm, l-Imsida, liema proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet għadhom sallum ma nbdewx u wisq anqas intemmu għexur ta’ snin wara t-teħid tal-imsemmija art; u (4) tordna lill-intimati jew lil min minnhom biex iħallsuhom id-danni li jkunu likwidati b’kumpens minħabba dak il-ksur ta’ jeddijiet. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Jannar, 2014, li bih ordnat in-notifika tar-Rikors lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-11 ta’ Frar, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-7 ta’ Frar, 2014, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalu, b’mod preliminari, li l-kawża saret qabel waqtha għaliex ir-rikorrenti naqsu li l-ewwel jieħdu r-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi bit-teħid tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-

Arbitraġġ dwar Artijiet b'mod li din il-Qorti għandha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond ma jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; kemm l-intimat Avukat Ġenerali u kif ukoll l-intimat Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża għaliex jew hemm ħaddieħor mill-intimati l-oħrajn li jidher għad-dipartiment relattiv jew għaliex huma ma kienu mdaħħla f'xejn fil-proċess tat-teħid tal-art mertu tal-każ jew ta' x'sar jew ma sarx minnha wara t-teħid; u li, għall-finijiet tal-jedd imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni jħarsu l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta minn kull sejbien ta' ksur ta' l-imsemmi jedd. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-11ta' Frar, 2014[1], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari u tingħata sentenza dwarha;

Semgħet ix-xhud imressqa mill-intimati u rat il-provi dokumentali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-24 ta' Ġunju, 2014[2], u d-degriet tagħha li bih tat żmien lill-partijiet li jressqu bil-miktub is-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fl-14 ta' Awwissu, 2014[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-12 ta' Settembru, 2014[4], bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġ. 22 tal-proċess
[2] Paġ. 38 tal-proċess
[3] Paġġ. 40 – 7 tal-proċess
[4] Paġġ. 50 – 9 tal-proċess

Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari jekk din il-Qorti għandhiex tagħżel li twettaq is-setgħat "kostituzzjonali" u "konvenzjonali" tagħha li tisma' din il-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd ta' tgawdija paċifika ta' ġid privat, b'riżultat ta' esproprju ta' art tar-rikorrenti li sar għal skop pubbliku u li kellu jsir b'xiri assolut. Ir-rikorrenti jilmintaw li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom imsemmi għaliex, minkejja ż-żmien kollu li għadda minn meta ttieħditilhom l-art, għadhom sallum ma ngħatawx kumpens mistħoqq. Minbarra dan, jgħidu wkoll li biċċa mill-art meħuda baqgħet ma ntużat qatt għall-għan li għalih ittieħdet, tant li għadha sallum imqabbla lil bdiewa li l-awtur tagħhom kien il-gabillott li jqabbel l-art mingħand l-awturi tagħhom. Ir-rikorrenti jridu li tintradd lura l-art li baqgħet ma ntużatx għall-għan li għalih ittieħdet, u li jingħataw kumpens xieraq għal kemm tilfu dħul minnha kemm damet meħuda mingħandhom. Iridu wkoll li jingħataw il-kumpens dwar dik il-parti mill-art li ntużat għat-twessigħ ta' triq iżda li sallum baqgħu ma ngħataw l-ebda kumpens għaliha;

Illi l-intimati laqgħu, fost l-oħrajn, billi qalu li r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedji oħra taħt il-liġi ordinarja minflok mexxew b'din il-kawża kostituzzjonali. Huma jgħidu li r-rikorrenti messhom mexxew u komplew proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet dwar l-istess art, minbarra li jidher li, dwar waħda mill-biċċiet ta' art meħuda, huma kienu f'xi żmien bagħtu jgħarrfu li kienu aċċettaw il-kumpens li kien offert lilhom, imma baqgħu ma resqux għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt meħtieġ. Għalhekk l-intimati qegħdin jistiednu lil din il-Qorti tikkunsidra jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża skond id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Qajmu eċċezzjonijiet oħrajn preliminari u eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni tal-lum, jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll werrieta jew aventi kawża mill-Avukat Filippo Nicolo' u Spiżjar Salvatore, aħwa Buttiġieġ. Tal-ewwel kellu tliet ulied filwaqt li t-tieni miet għażeb u bla wlied u wirtuh ulied ħuh. Fost il-ġid li kienu wirtu l-imsemmija aħwa Buttiġieġ, kien hemm art fl-inħawi magħrufa bħala "*Tal-Għargħar*" qrib l-Imsida li b'kollox għandha kejl ta' sitt itmien, siegħ u sitt kejliet u nofs (6T 1S 6.5K)[5];

Illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Awwissu, 1961[6], dehret dikjarazzjoni (numru 357) magħmula fl-4 ta' Awwissu ta' dik l-istess sena mill-Gvernatur għall-finijiet tal-artikoli 3 u 8(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[7] dwar l-imsemmija art (porzjoni numru sitta u għoxrin) flimkien ma' artijiet oħrajn fl-inħawi li kienu qegħdin jittieħdu b'titolu ta' xiri assolut għal għan pubbliku. L-art kienet indikata li kienet tal-imsemmi Spiżjar Salvatore Buttiġieġ. Dik il-ħabta kien maħsub li fl-inħawi tinbena l-Universita' ta' Malta;

Illi f'Ottubru tal-1961[8], in-Nutar tal-Gvern bagħat jgħarraf lill-Ispiżjar Buttiġieġ li l-Gvern kien qiegħed joffri kumpens ta' ħames mija u żewġ liri xelin u erba' soldi (£502.1s.4d) u talbu biex jagħtih tagħrif sħiħ dwar is-sidien kollha tal-art, dwar jekk hemmx piżijiet jew ċnus fuq l-imsemmija art u jekk kienx qiegħed jaċċetta l-kumpens offert;

Illi b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 1964[9], il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat jgħarraf lill-aħwa Buttiġieġ dwar il-kumpens imsemmi u tahom żmien biex jiddikjaraw jilqgħux il-kumpens jew li jgħidu kemm jidhrilhom li kellu jkun il-kumpens xieraq u kif waslu għal dan. Għall-imsemmija ittra uffiċjali l-aħwa Buttiġieġ wieġbu billi qalu li l-kumpens offert kien baxx wisq u li kien fi ħsiebhom jiżviluppaw huma l-istess art b'mod li jekk tittieħed l-art kif maħsuba, ma kienx ser jifdlilhom biżżejjed art biex jistgħu jiżviluppaw dak l-art tagħhom li mhux ser tkun ittieħdet. Huma ippretendew kumpens ta' ħamest elef lira (£5,000) maħduma bir-rata ta' żewġ xelini (2/-) kull qasba kwadra kapitalizzati bir-rata tat-tlieta fil-mija (3%)[10];

Illi minħabba dan in-nuqqas ta' qbil, infetħet kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġi dwar l-Artijiet, liema kawża baqgħet qatt ma nqatgħet għaliex, f'Jannar tal-1976, l-aħwa Buttiġieġ talbu li s-smigħ imur *sine die* sakemm

[5] Li jġibu qrib 7,053.87 metri kwadri
[6] Dok "A", f'paġ. 27 tal-proċess
[7] Dak iż-żmien il-Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kap 88)
[8] Dok "B", f'paġ. 29 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġ. 30 tal-proċess
[10] Dok "E", f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess

jintemmu proċeduri oħrajn dwar art fil-qrib. F'xi żmien matul l-1982, ulied il-mejjet Avukat Filippo Nicolo' Buttiġieġ bagħtu jgħarrfu lill-Kummissarju intimat li kienu qegħdin jaċċettaw il-kumpens offert u talbuh jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u l-ħlas lilhom tal-kumpens għall-għorfa li kien hemm f'parti mill-art meħuda u l-imgħaxijiet relattivi b'seħħ minn meta kienet ittieħdet l-art[11];

Illi b'Avviż li deher fil-ħarġa tal-24 ta' Mejju, 1988 tal-Gażżeta tal-Gvern (Avviż Nru. 381), li xandar Dikjarazzjoni tal-Aġent President tar-Repubblika tas-17 ta' Mejju ta' dik l-istess sena fejn biċċiet oħrajn ta' art – fosthom porzjoni numru tlettax (13) tar-rikorrenti – kienu qegħdin jittieħdu għal skop pubbliku ta' twessigħ ta' triq u b'xiri assolut;

Illi f'Ottubru tal-2013[12], ir-rikorrenti ressqu ittra uffiċjali kontra l-intimati li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, interpellawhom biex iroddulhom lura l-art li ma kenitx intużat u biex iħallsuhom il-kumpens xieraq għal dik l-art li kienet ittieħdet u għaż-żmien li kienet inżammet parti oħra mill-art bla ma ntużat għall-iskop li għaliha kienet ittieħdet;

Illi billi ma kienx hemm eżitu kif riedu r-rikorrenti, huma feħtu din il-kawża f'Jannar tal-2014;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li l-intimati qegħdin jistiednu lill-Qorti biex ma tismax din il-kawża għaliex jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja u ma nqdewx bih. Jgħidu li dak ir-rimedju – azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kien jista' jagħtihom l-istess għamla ta' rimedju li qegħdin jitlobu f'din l-azzjoni;

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[13]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta

[11] Dok "Ġ", f'paġ. 35 tal-proċess
[12] Dok f'paġġ. 7 – 8 tal-proċess
[13] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[14];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[15]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[16];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[17]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[18];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti

[14] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[15] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[16] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[17] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[18] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[19]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[20]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[21];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[22]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda

[19] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[20] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[21] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[22] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[23];

Illi fil-każ tal-lum, l-intimati ressqu bosta riferenzi għal deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin dwar l-eċċezzjoni taħt eżami. Iżda jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit dan l-aħħar f'kawżi li jolqtu lil Malta[24];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjoni legali mqanqla f'din il-kawża – jiġifieri, il-kwestjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar it-tgawdija paċifika tal-ġid tal-persuna – ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom;

Illi b'mod partikolari, il-Qorti tara li, għall-anqas f'parti mill-ilment u l-premessi li jwasslu għalih, hemm ċirkostanzi li l-ebda proċedura fis-seħħ illum jew li kienet fis-seħħ f'xi żmien partikolari ta' din il-ġrajja kollha ma tista' tindirizza kif imiss tali ilment. B'dan kollu, il-Qorti mhijiex tgħid li l-ilment tar-rikorrenti huwa diġa' ippruvat u milqugħ: qiegħda tgħid biss li f'partijiet minnu, is-smigħ waħdieni tal-ilment tar-rikorrenti jista' jsir biss minn din il-Qorti u r-rimedju li jista' jingħata, jekk jinstab li l-ilment huwa mistħoqq, jingħata biss minn qorti b'din il-kompetenza;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-fatti kollha tal-każ kif ħarġu sa issa, tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula u tas-sottomissjonijiet mismugħa, għandha twarrab l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tibqa' tisma' l-kawża u taqtagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[23] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[24] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi, u bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna t-tkomplija tas-smigħ** tal-kawża fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------